Parlament Ewropew

Direttorat Ġenerali għall-Persunal
Direttorat għall-Iżvilupp tar-Riżorsi Umani
Unità tas-Selezzjoni tat-Talenti u s-Sensibilizzazzjoni

# APPLY4EP
# Kif tapplika

MT

UNITÀ TAS-SELEZZJONI TAT-TALENTI
U S-SENSIBILIZZAZZJONI
email: PERS-APPLY4EPContacts@europarl.europa.eu

## INTRODUZZJONI

Il-Parlament Ewropew huwa organizzazzjoni multinazzjonali, multilingwi u multikulturali, b'persunal li ġej mill-Ewropa kollha.
B'xogħolna fil-Parlament Ewropew nagħtu lill-Membri tal-Parlament Ewropew l-għodda biex jaħdmu favur demokrazija Ewropea reżiljenti u effikaċi.

Dan il-Manwal inkiteb biex jagħti gwida u għajnuna lil dawk kollha li jixtiequ japplikaw għal kompetizzjoni jew proċedura ta' selezzjoni għal pożizzjoni fi ħdan il-Parlament Ewropew.

Tista' tapplika biss mill-pjattaforma tagħna APPLY4EP - https://apply4ep.gestmax.eu. Fil-pjattaforma APPLY4EP tista' ssib l-opportunitajiet professjonali attwali kollha speċifiċi għall-Parlament Ewropew, tapplika għalihom u tista' wkoll tibgħat applikazzjoni spontanja.

Il-kandidati interni, jiġifieri dawk li diġà jaħdmu għall-Parlament Ewropew, jistgħu japplikaw għall-kompetizzjonijiet interni mill-pjattaforma interna APPLY4EP - https://apply4ep.gestmax.eu/employee/search.[1]

## FAŻI INIZJALI

F'każ li int kandidat estern, APPLY4EP tagħtik lista ta' postijiet tax-xogħol battala ppubblikati fl-24 lingwa uffiċjali tal-Unjoni Ewropea. Biex tbiddel il-lingwa ta' viżwalizzazzjoni, ikklikkja fuq nett fir-rokna tal-lemin.




Il-kandidati li diġà jaħdmu għall-Parlament Ewropew jistgħu jagħżlu l-lingwa ta' viżwalizzazzjoni li jippreferu (Ingliż, Franċiż jew Ġermaniż) mill-intranet tal-PE (https://epintranet.in.ep.europa.eu/home/browse-as/human-resources/career/competitions-vacancies/notices-competitions.html).

[1] Please note that also open competition notices and recruitment notices are published in the EP staff version of Apply4EP.
Veuillez noter que tous les avis de concours et de recrutement sont publiés dans la version de Apply4EP réservée aux membres du personnel du PE.
Bitte beachten Sie dass auch die Bekanntmachungen allgemeiner Auswahlverfahren und die Stellenausschreibungen in der Apply4EP-Version veröffentlicht werden, die den Bediensteten des Europäischen Parlaments vorbehalten ist.

## L-ACCOUNT TIEGĦEK

Jekk interessat(a) tieħu sehem fi proċedura/i ta' selezzjoni jew f'kompetizzjoni(jiet) li jorganizza l-Parlament Ewropew, trid tibda billi toħloq account personali.
Ladarba toħolqu, imbagħad tista' tuża l-account tiegħek għall-proċeduri ta' selezzjoni jew għall-kompetizzjonijiet attwali jew futuri li jinteressawk.[2]

Biex toħloq account, trid tapplika għal proċedura ta' selezzjoni jew kompetizzjoni **wara li tkun qrajt l-avviż ta' post tax-xogħol battal** billi tikklikkja fuq APPLIKA ONLINE li ssib fl-aħħar tal-avviż.







Jista' jkollok account APPLY4EP WIEĦED biss. Jekk ikollok aktar minn account wieħed, tiġi eliminat(a) mill-proċedura(i) li fiha/hom qed tieħu sehem (tkun xi tkun il-fażi tal-proċedura/i ta' selezzjoni/kompetizzjoni(jiet)).

Trid iddaħħal indirizz tal-email, toħloq password solida u timla l-ispazji kollha mmarkati b'asterisk (*).

Għandek tagħżel il-lingwa tan-notifiki minn fost l-Ingliż, il-Franċiż u l-Ġermaniż. Din tkun il-lingwa li biha se tirċievi l-istediniet u r-riżultati tal-proċedura/i ta' selezzjoni jew tal-kompetizzjoni(jiet) li applikajt għalihom.

F'każ li għandek aktar minn ċittadinanza tal-UE waħda, indika waħda biss.

Aċċerta ruħek li żżomm aġġornati d-dettalji ta' kuntatt li tirreġistra (numru tat-telefon, indirizz tal-email u tad-dar). Dan hu importanti għax min jirrekluta jista' jkollu bżonn jagħmel kuntatt miegħek bit-telefon jew bl-email (ara s-sezzjoni tal-kandidati).



REĠISTRAZZJONI ĠDIDA

L-ispazji kollha mmarkati b'asterisk (*) huma obbligatorji.

**Email ***

**Email ta' konferma ***

**Password ***

Il-password tiegħek trid tkun twila mhux anqas minn 8 karattri u jrid ikollha tal-anqas ċifra 1.

**Ikkonferma l-password ***

**Lingwa tan-notifiki *** Franċiż

Il-lingwa tan-notifiki hija l-lingwa li biha l-Parlament Ewropew jibgħatlek in-notifiki relatati mal-evoluzzjoni tad-dossier tiegħek (eliġibbli / mhux eliġibbli, stedina għat-testijiet, riżultati, eċċ.). Din trid tikkorrispondi għal-lingwa 2 li tagħżel meta tirreġistra.

**- *** - L-ebda għażla -

**Kunjom ***

**Isem ***

**Indirizz ***

[2] Jew ħolqien ta' bażi tad-data

Kodiċi postali *

Belt *

Pajjiż *  - L-ebda għażla -

Ċittadinanza eliġibbli *  Belġju / Bulgarija / Repubblika Ċeka / Danimarka

Innota li ċ-ċittadini ta' wieħed mill-Istati Membri tal-UE biss huma eliġibbli għal pożizzjoni fil-Parlament Ewropew.

Telefon *  +

(ex: "+356 1 15655654", ...)

Telefon ieħor

IL-FAŻI LI JMISS

Jekk diġà għandek account, kulma trid hu li tilloggja bl-email u bil-password tiegħek.

DIĠÀ RREĠISTRAT

Email  Daħħal l-email

Password  Password

LOGIN  INSEJT IL-PASSWORD?

## L-APPLIKAZZJONI TIEGĦEK

L-applikazzjoni tiegħek se tintuża biex tiġi evalwata l-eleġibbiltà tiegħek biex tkun ammess(a) fi proċedura ta' selezzjoni jew f'kompetizzjoni. Għaldaqstant, qabel ma tapplika għal kull proċedura ta' selezzjoni jew kompetizzjoni inti mitlub(a):

- taqra bir-reqqa l-avviż ta' reklutaġġ/kompetizzjoni u l-gwida għall-kandidati, li hija parti integrali mill-avviż;
- tieħu nota tal-kriterji stabbiliti fl-avviż ta' reklutaġġ/kompetizzjoni fir-rigward tal-edukazzjoni, tal-esperjenza professjonali u tal-għarfien lingwistiku. Inti mitlub(a) tapplika għall-pożizzjonijiet li għalihom tissodisfa tal-anqas dawn il-kriterji;
- **lesti d-dokumenti ġustifikattivi kollha tiegħek minn qabel;**
- enfasizza l-punti saljenti tal-formazzjoni tiegħek li jikkorrispondu għan-natura tad-dmirijiet. Aktar ma tiddedika ħin u ħsieb fit-tħejjija tal-applikazzjoni, aktar preċiża u effikaċi tista' tkun l-applikazzjoni;
- kun af li **s-*CV* ma jitqiesx bħala dokument ġustifikattiv** li juri bil-provi l-esperjenza professjonali jew il-kwalifiki akkademiċi;
- kun ċert(a) li l-informazzjoni fl-applikazzjoni tiegħek hija preċiża u korretta.

L-applikazzjoni tinqasam fi tliet fażijiet:

**L-ewwel fażi** tirrigwarda d-data personali tiegħek. Jekk diġà għandek account, daħħal id-dettalji tal-account tiegħek. Jekk għad ma għandekx account, trid toħloq wieħed. Tella' s-CV fit-taqsima "Inkella, tella' s-CV tiegħek hawn taħt". Imbagħad ikklikkja fuq "Li jmiss". Dan jagħti bidu għall-proċess tal-applikazzjoni.




Fit-**tieni fażi** tintalab ittella' s-*CV* tiegħek.




L-ewwel *CV* li tellajt huwa s-*CV* li APPLY4EP se tuża awtomatikament għall-applikazzjonijiet **kollha** tiegħek f'APPLY4EP. Jekk tixtieq tbiddel is-*CV*, trid tidħol fl-account tiegħek u tbiddlu minn hemm (ara s-sezzjoni tal-kandidati).

F'din il-fażi, l-applikanti esterni jintalbu jagħmlu wkoll xi dikjarazzjonijiet.




L-applikanti interni, jiġifieri dawk li diġà jaħdmu għall-Parlament Ewropew, ikollhom itellgħu d-dokumenti minn Streamline (HRM Portal).

Jekk l-avviż jirrikjedi li inti timla dikjarazzjoni, din għandha titniżżel, timtela kif xieraq, fil-kaxxa "Dikjarazzjoni" pprovduta għal dan il-għan meta tissottometti l-formola ta' applikazzjoni online, f'konformità mal-avviż. Għall-profili lingwistiċi, u jekk ikun mitlub mill-avviż, jeħtieġlek tiġġustifika t-tielet lingwa tiegħek u, eventwalment, lingwi oħrajn, fost l-24 lingwa uffiċjali tal-Unjoni Ewropea, billi tikkompleta l-evalwazzjoni tal-kapaċitajiet u tispeċifika l-livell ta' għarfien tal-lingwa.

**It-tielet fażi** tikkonsisti fil-formola tal-applikazzjoni vera u proprja. Fil-formola tal-applikazzjoni hemm tliet taqsimiet ewlenin: **esperjenza professjonali**, **edukazzjoni u lingwi**.

## Esperjenza professjonali

- Imla l-ispazji "esperjenza professjonali" bl-esperjenza professjonali tiegħek **rilevanti għall-proċedura ta' selezzjoni/kompetizzjoni li għaliha qed tapplika**.
- Ibda billi telenka l-esperjenza l-aktar reċenti li għamilt u agħti d-dettalji tal-pożizzjoni li okkupajt. Kompli billi telenka l-esperjenza f'ordni kronoloġiku b'lura (jiġifieri t-tieni l-aktar esperjenza professjonali reċenti rilevanti għall-pożizzjoni, imbagħad it-tielet l-aktar reċenti, eċċ.).
- Tista' tindika massimu ta' 13-il esperjenza professjonali rilevanti.







## Edukazzjoni

- Inti mitlub(a) tinkludi l-istituti edukattivi kollha billi telenka b'mod ċar il-kredenzjali akkademiċi (lawrji, diplomi u ċertifikati) li ġejt konferit(a).

- Il-kredenzjali akkademiċi maħruġa minn istituti edukattivi fil-pajjiżi kemm tal-UE kif ukoll mhux tal-UE, għandhom ikunu rikonoxxuti mill-awtoritajiet kompetenti uffiċjali tal-Istati Membri tal-UE.
- Tista' żżid sa massimu ta' 6 kredenzjali akkademiċi mal-formola tal-applikazzjoni tiegħek.




Huwa importanti li timla l-informazzjoni kollha dwar l-edukazzjoni u l-esperjenza professjonali tiegħek b'mod preċiż. Din l-informazzjoni se tintuża biex tiġi evalwata l-eleġibilità tiegħek u jiġi ddeterminat jekk intix ammess(a) biex tieħu sehem fil-proċedura ta' selezzjoni jew fil-kompetizzjoni li applikajt għalihom.

## Lingwi

Trid tindika l-lingwa 1 u l-lingwa 2 tiegħek u kull lingwa oħra li taf. Għall-profili lingwistiċi, tista' tintalab tindika l-lingwa 3 u l-lingwa 4.



## Dokumenti ġustifikattivi

- Għandek ittella' fuq is-sit id-dokumenti ġustifikattivi biex turi d-dettalji dwar l-edukazzjoni u l-esperjenza professjonali li daħħalt fl-applikazzjoni tiegħek.
- Is-*CV* tiegħek ma jitqiesx bħala dokument ġustifikattiv li juri bil-provi l-esperjenza professjonali jew il-kwalifiki akkademiċi.
- APPLY4EP tħallik ittella' dokument wieħed ta' massimu ta' 5MB għal kull esperjenza professjonali u għal kull lawrja/diploma/ċertifikat akkademiċi fil-lista.


Esperjenza professjonali

Iddeskrivi l-esperjenzi rilevanti tiegħek billi tibda mill-aktar waħda riċenti

Bidu * dd/mm/yyyy

Esperjenza li għadha għaddejja

Tmiem * dd/mm/yyyy

Isem min iħaddem *

Indirizz ta' min iħaddem *

Funzjoni *

Deskrizzjoni tal-funzjoni *

Dokument ġustifikattiv * AGĦŻEL FAJL

Trid iżżid esperjenzi professjonali oħra? * - L-ebda għażla -


Diplomi

Niżżel l-aktar diploma avvanzata li għandek. Tista' żżid diplomi oħra.

Livell tad-diploma * - L-ebda għażla -

Isem id-diploma *

Qasam tad-diploma * - L-ebda għażla -

Data tal-għoti tad-diploma * dd/mm/yyyy

Kopja tad-diploma * AGĦŻEL FAJL

Tixtieq iżżid diplomi oħra ? * - L-ebda għażla -

## U fl-aħħar nett

Inħeġġuk bil-qawwa ma tistenniex sal-aħħar ġurnata biex tapplika. Il-Parlament Ewropew ma jista' jinżamm responsabbli għall-ebda problema teknika tal-aħħar minuta kkawżata minn volum qawwi fis-sistema.

Tista' tapplika għal proċedura ta' selezzjoni speċifika jew għal kompetizzjoni speċifika darba biss. Inti mitlub(a) taċċerta ruħek li l-informazzjoni fl-applikazzjoni tiegħek hija kompluta u korretta, **peress li mhuwiex possibbli tbiddel din l-informazzjoni jew iżżid dokument wara li tintbagħat.**
Jekk tħalli l-paġna mingħajr ma ssalva qabel ma tkun iffinalizzajt l-applikazzjoni tiegħek, jew jekk is-sessjoni fuq APPLY4EP tiskadi (massimu ta' 120 minuta), titlef linformazzjoni li tkun tellajt u jkollok terġa' tibda mill-bidu.
Ladarba jidhirlek li l-applikazzjoni tiegħek hija kompluta u korretta tista' tissottomettiha.




Nawgurawlek kull suċċess!

# SEZZJONI TAL-KANDIDATI

Labarda tkun ħloqt l-account tiegħek tista' tidħol fis-sezzjoni tal-kandidati minn dan l-indirizz https://apply4ep.gestmax.eu/account/login.




F'din is-sezzjoni, tista' tiġġestixxi l-account tiegħek; b'mod partikolari tista'

- żżomm aġġornata d-data tiegħek (numru tat-telefon, indirizz tal-email), ir-riżorsi umani kompetenti jaf ikunu jridu jikkuntattjawk bit-telefon jew bl-email; u
- timmaniġġja s-*CVs* tiegħek. L-ewwel *CV* li ttella' jitqies is-*CV* li jintuża awtomatikament. Is-*CV* użat awtomatikament ma jistax jitħassar. Biex tħassru jew tbiddlu, trid ittella' *CV* ġdid. Agħżlu bħala s-*CV* "awtomatiku" u mbagħad ħassar jew żomm is-*CV* preċedenti.






## ŻONA GĦALL-KANDIDATI LI JIRNEXXU

Jekk inti wieħed jew waħda mill-kandidati li għaddew f’kompetizzjoni jew fi proċedura ta’ selezzjoni għar-reklutaġġ ta’ uffiċjali, tingħata aċċess għall-ispazju għall-kandidati li jirnexxu (ara: “Żona għall-kandidati li jirnexxu”), fejn jiġu ppubblikati l-pożizzjonijiet vakanti.

## DATA PERSONALI

Il-Parlament Ewropew huwa l-korp responsabbli mill-organizzazzjoni tal-proċeduri ta' selezzjoni u tal-kompetizzjonijiet u jiżgura li d-data personali tal-kandidati tiġi pproċessata fir-rispett totali tar-Regolament (UE) 2018/1725 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Ottubru 2018 dwar il-protezzjoni ta' persuni fiżiċi fir-rigward tal-ipproċessar ta' data personali mill-istituzzjonijiet, korpi, uffiċċji u aġenziji tal-Unjoni u dwar il-moviment liberu ta' tali data, u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 45/2001 u d-Deċiżjoni Nru 1247/2002/KE (Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea L 295, 21.11.2018).

Ikkonsulta https://apply4ep.gestmax.eu - Politika dwar il-privatezza.

## KUNTATTI

F'każ ta' problemi tekniċi tista' tiktbilna fuq dan l-indirizz:
PERS-Apply4EPContacts@ep.europa.eu.